# Minn Fomm il-Qormin

Guido Lanfranco



Meta bdiet is-sistema tal-*phone-ins* fil-programmi tal-istazzjonijiet tar-radju, fil-programmi li kont nagħmel, l-aktar fuq l-RTK, kont magħżul li nitkellem fuq drawwiet u tradizzjonijiet Maltin li fihom setgħu jipparteċipaw anzjani billi jikkumentaw fuq l-esperjenzi tagħhom. Dik l-informazzjoni kont insibha, u tibqa' ta' siwi għaliex turi aspetti tal-istorja soċjali u l-kultura tal-Maltin. Din id-darba ġbart għażla żgħira mill-ħafna traskrizzjonijiet li jien ktibt mir-*recordings* ta' dak li qaluli semmiegħa Qormin.

**Xemgħa tal-kandlora** *Raġel, Ħal Qormi, 2-XI-1994:* "Fil-kandlora, meta kont żgħir, il-fratellanzi tal-parroċċa (*Ħal Qormi San Ġorġ*) kienu jpoġġu x-xemgħa fuq l-artal u l-arċipriet kien iberikha. Il-fratellanzi kienu joħorġu jiġbru għall-festi tagħhom. Konna niddubbaw karrettun żgħir u 'l dawk kollha li kienu jagħtuk... waqt il-ġbir... tagħtihom (*minn dik*) ix-xemgħa li tkun tbierket fil-kandlora. Lil xi benefatturi xemgħa ffjurita."

**Zukkletti** *Mara, Grech, Ħal Qormi, 2-VIII-1995:* "Mingħand it-Tork konna nixtru z-zukklett... karkur, imma kollu tal-injam... Mingħand it-Torok li kienu jbiegħu l-ħabb għażiż u l-lekumja ġol-ġewlaq. Konna niġru biex nixtruhom iz-zukkletti... Kien idendlu fuq spalltu, waħda fuq wara u l-oħra fuq quddiem, u kienu kollha njam; u fuq kien ikun iffjurit... kien idendilhom ma' spalltu għax f'idu kien ikollu l-qoffa, u kien jgħajjat biz-zukkletti. Kull fejn ngħaddu kulħadd jismagħna... "Kulħadd jismagħhom għax tal-injam ifaqqgħu ma' kull pass.

**Vjatku** *Mara, Ħal Qormi, San Ġorġ, 11-X-1995:* "Għall-Vjatku kienet iddoqq tliet darbiet jew ħamsa; ma niftakarx, biex turi lin-nies li hemm Vjatku. Tfal jiġru jew biex jilħqu l-bandiera jew għall-qanpiena, u dik fejn jagħmel is-Sagrament... ftit wara l-gwerra... fil-gwerra kelli xi tlettax-il sena. Imbagħad joħroġ il-Vjatku bl-umbrella. It-tfal kienu jieħdu wkoll il-fanali mill-knisja. Tgħidx kemm konna nkunu nies warajh dan il-Vjatku. Mhux Vjatku solenni imma għal min ikun marid qed imut... min ikun ħażin. Kulħadd jgħid ir-rużarju. Meta mmorru lura l-knisja kien jagħti l-barka bl-istess Ostji li kellu u konna nkantaw it-Te Deum. Tgħidx kemm kienu jiġru t-tfal għall-qanpiena. Konna nkunu ħafna tfal miġburin quddiem il-knisja. Meta s-saċerdot jidħol għand il-marid aħna nibqgħu barra. Jidħlu biss dawk li jġorru dik qisha tabernaklu (*). U l-ieħor jistennieh bl-umbrella." (** Dak li qisu tabernaklu jgħidulu t-tron jew baldakkin li jinġarr fuq l-idejn)*

**Strina** *Doris Portelli, 65 sena, Ħal Qormi, 27-XII-1995:* "Fl-Istrina konna nagħmlu bott, jagħmlulna xaqq fih mnejn jitfgħu il-flus u nduru. Ituna sold, sitt ħabbiet, qlajna ħafna; konna kuntenti. *Toys* ma nafx x'inhuma jien; qatt ma qlajt *toys*."

**Żwiemel fil-karnival** *Mara, Ħal Qormi, 10-I-1996:* "Fil-Karnival taf li kienu jiġru biż-żwiemel; konna nagħmlu dawk il-fjuri ta' ma' ras iż-żiemel... U xi xniexel għal quddiem konna nagħmlulhom aħna... kukkardi u fjuri. Nagħmluhom id-dar u nbiegħuhom. Kien jiġri ma' kullimkien, mhux il-Belt bilfors... Jiġu jixtru... Iżejnu ż-żwiemel. Qabel kienu (*joqogħdu*) jduru barra."

**Tbaħħir fl-Irxoxt** *Raġel, Ħal Qormi, 23-II-1994:* "Niftakar li z-zija kienet toqgħod tistenna proprju li tgħaddi l-istatwa ta' Kristu Rxoxt. Malli tgħaddi minn quddiem il-bieb tad-dar (*tagħha*) kienet taqbad tbaħħar; eżatt... Tistenna li l-istatwa tgħaddi minn quddiem id-dar."

**Ħlewqiet għall-magħmudija** *Angela Zerafa, Ħal Qormi, 20-IV-1994:* "Wara l-magħmudija, avolja ftit nies u fost il-ġimgħa, isir it-trattament. Kien ikollhom kikkra kokotina, aktarx tal-kawkaw, grogg brandy Tal-Qalb, grogg aniżett, Benedittin, vermut, rożolin aħmar, aħdar jew isfar. Tortella tal-intrita, forma ta' qalb għall-parrini u oħra għall-majjistra; panedispanja, biskuttini forma ta' esse tar-raħal imżejna bil-ġelu, frott tal-intrita u biskuttini tal-lewż morr. Kulħadd dawn kien ikollu. Kienu jemmnu li jekk jgħammdu qabel erbgħa u għoxrin siegħa, itellgħu ruħ mill-purgatorju.

**Funeral ta' tarbija** "Sikwit konna nisimgħu l-qanpiena u ngħidu: 'qed iddoqq il-glorja; mietet xi tarbija u tara l-qassis għaddej b'xi ħames abbatini, wieħed ħdejh bis-sassla tal-Ilma Mbierek u l-erbgħa l-oħra biex jerfgħu t-tebut żgħir, abjad li kien ikollu erba' ċineg fil-ġnub. L-abbatini kienu jżommu *handle* kull wieħed sakemm jeħduh bil-mixi ċ-ċimiterju... Aħna konna ngħidulu, hawn Ħal Qormi, tal-Infetti. Ġieli xi nies ma kinux iridu jaraw lill-abbatini qishom qed ibandlu lit-tarbija mejta, u għalhekk kienu jikru raġel u jżommu fuq idejh waħdu. Xi nies kienu jridu wkoll il-karru l-abjad tal-ħġieġ, allura dawk ma kinux jeħduh filgħaxija, imma filgħodu u ssirlu l-quddiesa tal-anġli."

**Ħobż għall-fqar** **Raġel ta' 69 sena, Ħal Qormi 23-III-1994:* "Lejlet il-festa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi, dari kien hemm wieħed jagħmel furnata ħobż għall-fqar tal-post . . . Mhux legat imma spontanjament. Jitqassmu f'nofsinhar, lejlet il-festa."

**Ikel fl-iskola** *Raġel ta' 64 sena, Ħal Qormi 22-II-1995:* "Niftakar, qabel il-gwerra, kont immur l-iskola, il-Ħamis kien ikollna *recreation* twil... U ommi kienet tagħmilli froġa tal-bajd dakinhar... neħodha l-iskola."

***Lantern slides show*** *Mara, Grech ta' 63 sena, Ħal Qormi 20-IX-1995:* "Meta kont tifla fl-Azzjoni Kattolika, Ħal Qormi, il-*father* kien jurina ċ-*cine* tas-*slides* u kien joqgħod ifissrilna t-Testment il-Qadim, eċċ... fuq ħġieġa... Dak iż-żmien lanqas kienu jħalluna mmorru t-*talkies*... Biex naraw *talkies* konna nieħdu permess."

**Libsa tal-wegħda** *Mara, Ħal Qormi 3-I-1996:* Kont qiegħda negħreq tmint ijiem fuq il-preċett, u ommi għamlitli wegħda li tlibbisni ta' Santa Rita. Kelli sitt snin. U domt nilbisha... bil-mant, biċ-ċinturin... Kienet tlibbishieli nhar ta' Ħamis... Kont immur l-iskola biha. Imbagħad ma baqgħetx

ikompli f'paġna 81

L-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici ssellem u tferraħ

ikompli minn paġna 79

tiġini, allura kont nilbisha taħt l-uniformi għax bdiet tiġini qasira."

**Ġugarelli fil-festi** *Mara, Ħal Qormi 10-I-1996:* "Missieri kien imur Santa Venera jbiegħ it-*toys*. Kien jitla' bil-karrettun minn dawk il-ħomor, fil-festa ta' Santa Venera. Pupi *sixpence*-il waħda, imrewħa sold, pastur sitt ħabbiet... U konna mmorru aħna miegħu fil-festa proprja. Kienu jarmaw fejn dak il-ġnien li hemm qabel ma tidħol fil-knisja l-qadima... mal-ħajt tiegħu. Kien imur ukoll l-Imdina għall-festa tal-Karmnu. Ara x'biċċa xogħol, biex titla' bil-karrettun minn Ħal Qormi! Kellna kaxxa kbira esaġerata li kienet toqgħod fuq il-karrettun, u kredenza, kollha mimlijin bit-*toys*... mhux waħdu... L-Imdina konna narmaw quddiem il-katidral, fil-pjazza. Ibiegħu t-*toys*... U ħafna jbiegħu pasturi, għamara tal-pupa... Il-'pasturi' kienu fratelli... sitt ħabbiet, kienu. Imbagħad kienu jiġu t-tfal, min ikun kontra dak u kontra l-ieħor, jieħdu l-kulur (*tal-fratelli rivali*) u jmorru jwaddbuhom minn fuq is-sur (*biex jisfidaw lil xulxin*). Kienu jiġu speċjalment ħafna mill-irħula u jixtru l-imriewaħ... imrewħa sold. Missieri ma kienx jagħmilhom hu... Kien jixtri mill-Belt.

**Żwiemel imżejna** "Fil-Karnival taf li kienu jiġru biż-żwiemel... konna nagħmlu dawk il-fjuri ta' ma' ras iż-żwiemel u x-xniexel għall-quddiem... konna nagħmluhom aħna... kukkardi, fjuri... nagħmluhom id-dar u nbigħuhom. Mhux il-Belt bilfors... jiġu jixtru... iżejnu ż-żiemel; qabel kienu jduru barra.

**Pasturi** "Għall-ħabta tal-Milied konna nagħmlu l-pasturi. Kien jagħmlilna l-forom ħija... missieri kien jagħmel il-pasturi. Anke aħna, min jaf kemm ħdimna! Fratell kien jixtrihom lesti... Kien hawn ħafna kuluri... u gandlieri tal-artal (*tal-logħob*). Kien jagħmilhomlna wieħed u jġiblu biex ibiegħ minnhom... għax kellna naqra ta' ħanut żgħir."

**Xalata tal-festa** *Mara, Grech, Ħal Qormi 31-IX-1996:* "Hawn, San Ġorġ, konna nagħmlu xalata kbira... imma naqset. Kulħadd għalih issa. Wara l-gwerra, li niftakar jien, dik il-*coach* mifutħa. Konna l-ewwel immorru San Pawl il-Baħar, imbagħad l-Armier, il-Mellieħa... Imbagħad konna ngħaddu minn Tas-Sliema bil-bnadar u l-weraq... l-għada tal-festa. M'għadhomx bħal dak iż-żmien... Issa x-xalati mhux kull nhar ta' Ħadd? Kulħadd għandu l-karozza tiegħu...

**Il-Kandlora** "Meta kont żgħira, iz-ziju kien jgħidilna, lejlet il-Kandlora: 'Issa l-lejla jgħaddi l-gawgaw!' Lejlet il-Kandlora filgħaxija... 'U għandu munqaru twil... U jekk jara d-dawl idaħħal il-munqar minn ġos-serratura.' Kont nibża'... 'U jekk ixarrab saqajh ix-xitwa tkun għadha ġejja... U jekk ma jxarrabx saqajh ix-xitwa tkun għaddiet.' Kienu jbeżżgħuna!..."

**Ikel f'nofsillejl** *Mara, Ħal Qormi 16-XII-2003:* "Konna bil-fran, Ħal Qormi. Aħna dejjem naħdmu billejl, konna. Meta konna mmorru l-quddiesa ta' nofsillejl, meta nerġgħu lura ommi kienet tagħmlilna l-imbuljuta bil-kokotina. Konna nagħmlu l-ftajjar bl-istess għaġna u nagħmluhom biz-zokkor jew inbid aħmar fuqhom jew għasel bil-kokotina fuqha... Imbagħad min kien imur jorqod, u min kien imur ħdejn il-presepju.

**Karus għall-Istrina** "Fl-istrina konna nsibu bott tal-ħalib, nagħmlulu xaqq u nagħmluh karus għall-istrina... Min jagħtik sold, min jagħtik *sixpence*, min xelin. Tgħidilhom 'Is-sena t-tajba'. Kulħadd kien jieħu pjaċir dak iż-żmien... Fit-toroq... inċekċku l-bott u tgħid 'Is-sena t-tajba.' Kulħadd itik xi ħaġa... qisna tallaba!"

**Jgħammar il-mogħża** *Raġel, 65 sena, Ħal Qormi 12-VIII-2004:* "Meta kelli erbatax-il sena kellna ġiex mogħżiet. Missieri kien jagħmilli: 'mur ħa toħroġhom.'... U jien niddejjaq bil-mogħoż... nistħi. Darba qalli: 'Mur ħa taqtagħlha difirha lill-mogħża.'... Taf x'inhija?... Qalli: 'Tih tmintax irbiegħi ħa jaqtagħlha difirha.' Għedtlu lil missieri: 'Mela aħna m'għandniex imqassijiet?' Qalli: 'Int ma tifhimx... Ta' dak ikun jaqta' aktar.'... Biex jitlaqha ... insomma... Mal-gidi... iva... qalli: 'Mur ħa jaqtagħlha difirha!'... U jiena qgħadt nittawwal mis-serratura ħa nara hux veru kien qed jaqtagħlha difirha. Imbagħad mort id-dar, għedtlu: 'Dak mhux veru qagħad jaqtagħlha difirha.'... Tani xebgħa!... Tani xebgħa sewwa! ...Għax għedtlu li mhux veru kien qed jaqtagħlha difirha. Għedtlu: 'Kien hemm il-gidi.' Darba kont bil-mogħża taħt is-siġra u l-mogħża xtrat... qalli: 'qed tara t-tbagħbis x'jagħmel hux!' Jien mill-annimali nibża'. Darba missieri tani daż-żiemel u kellu ħabel twil. Daż-żiemel nafar... Ħsibtu se jitla' miegħi, u tlaqtu b'kollox... Dak tani xebgħa!"

**Rivali fil-għalqa** *Raġel, Ħal Qormi 2-IX-2004:* Kull triq kellha l-gaj tagħha u konna nagħmlu l-kmamar. Dak iż-żmien Ħal Qormi ma tantx kien żviluppat. Konna nagħmlu kmamar ġo xi għalqa bil-ġebel, nużaw it-tajn tal-ħamrija u nsaqqfuhom b'li jiġi. Ġieli konna noqogħdu fiha fix-xita u nagħmlu xi kafè jew te. Imma mbagħad, meta jfettlilna, konna noqogħdu niġġieldu mal-oħrajn u nagħmlu gwerra, ngħidulha. Konna nagħtu bil-ġebel... qed tifhem? Ġieli waqqgħu (*l-kamra*) tagħna u ġieli waqqajna tagħhom.

**It-tajra jew ħamiema** "Niftakar li f'Ħal Qormi, meta kont żgħir, konna nagħmlu l-ħamiem. Aħna ħamiem konna ngħidulhom, mhux tajr. Konna nagħmluhom anki bix-xniexel u kbar. Kien ikun hemm mijiet ta' ħamiem f'Ħal Qormi. Fis-sajf hekk konna nehdew. Konna nimpikaw bejnietna min imur l-iżjed 'il bogħod. U ġieli konna nniżżluhom imxarrbin... U konna nibagħtulhom l-ittri... qed tifhem? Aħna ġieli għamilna konna ngħidulhom Rundun. Issa r-rundun kien b'ġiex spagiet u kif tmisslu waħda jibda jdur... U kien jaqbad it-tajr l-oħra u aħna konna niġbdu biex nieħdu t-tajr. Tajr kienu jagħmlu forma ta' rġiel u ta' nisa.

**In-nagħaġ taz-ziju** "Issa z-zijiet tiegħi kellhom ħames ngħġiet bojod. Dawk kienu tal-Għarab u kienu sbieħ. Iz-ziju dejjem jaħsel fihom... Tista' taħseb, bojod, filgħaxija kien imur bihom il-Marsa fuq iċ-Ċangur konna ngħidulu. Ommi kienet tlestilu, Alla jaħfirlu, biċtejn ħobż bil-kunserva... biex jirgħu.

**Ġelat** Ġelat tax-xitwa kienu jgħidulu. Kien ikun b'ħafna kuluri, roża, abjad, aħmar... U kienu jbigħuh il-*grocers*, fil-ħwienet. Ilu li nqata'... Kien jiġi fil-kaxxi tal-injam.

**Karnival** "Meta konna żgħar, fil-Karnival kienu jeħduna tlitt ijiem l-abatija tas-Sorijiet Agostinjani, biex ma naraw xejn."

**Żwiemel fl-Imnarja** *Raġel, Ħal Qormi, issa Birkirkara 29-VI-2006:* "Jien minn Ħal Qormi proprja, issa noqgħod Birkirkara. Il-bhejjem kienu jkunu mżejnin għall-Imnarja. Ħafna dilettanti taż-żwiemel kienu jarmaw, jibdew minn qabel, inaddfu l-arneżi. Ir-ramm bil-lumi u bit-trab. Kien ikun ta' xi *German Silver* l-armar. Allura kienu jibdew xi ġimgħat qabel... Biex imorru bihom l-iżjed, u min forsi jkun se jieħu sehem fit-tiġrijiet... biex imorru għall-festa. Karrettuni jtuhom il-verniċ u jnaddfuhom... bl-imħaded u x'naf jien... għax okkażjoni speċjali."

L-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici sselLem u tferraħ